# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 5**

**Rikors numru 1034/13/1 AE**

**Avantgarde Holdings Limited (C 27163)**

**v.**

**Ivan Cassar u Deborah Cassar**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mis-soċjeta` attriċi fil-31 ta' Ottubru, 2013, fejn ingħad is-segwenti:

> *"1. Illi s-socjeta' attrici hija kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' hmistax-il elf sebgha mija u tlieta u ghoxrin euro u tmintax-il centezmi (€15,723.18), liema somma tirraprezenta l-bilanc ta' somma akbar, prezz ta' diversi merci mibjugha u kkonsenjati lill-intimati kif ukoll ta' xogholijiet ezegwiti, kollox fuq inkarigu tal-istess intimati u a favur ta' l-istess intimati, liema prezz u bilanc jirrizultaw ahjar mill-fattura hawn*

*annessa u mmarkata bhala dokument "A", liema ammont huwa cert likwidu u skadut;*

*2. Illi ghalkemm debitament interpellati sabiex jaddivjenu ghall-hlas ta' dak minnhom dovut, l-intimati baqghu ghal kollox inadempjenti;*

*Għaldaqstant, is-socjeta attrici titlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma precitata ta' hmistax-il elf sebgha mija u tlieta u ghoxrin euro u tmintax-il centezmi (€15,723.18), liema ammont huwa cert likwidu u skadut, oltre' l-imghaxijiet bi tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-8 ta' Marzu 2010 sad-data tal-hlas effettiv.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri legali tal-15 ta' Ottubru 2009 u tas-16 ta' Mejju 2011 u tal-ittra ufficcjali bin-numru 48/10 fl-ismijiet premessi pprezentata a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok. "B") kontra l-intimati, minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

2. Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-12 ta' Diċembru, 2013, li permezz tagħha l-konvenuti ressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

*"1. Preliminarjament illi l-ghazla tas-socjeta' attrici li tmexxi b'din il-kawza kontra l-esponenti intimati bil-procedura sommarja hija adirittura abbuz tad-drittijiet moghtija mill-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi sabiex tkun tista' tigi ntavolata kawza bil-giljottina dak li jipproponi l-istess irrid bilfors jiehu gurament li fil-fehma tieghu l-ammont irriklamat huwa wiehed cert, likwidu u dovut u in oltre' jrid jiehu gurament illi fil-fehma tieghu l-eccipjenti m'ghandu l-ebda eccezzjoni x'jissoleva ghat-talbiet attrici. Illi l-fatti f'dan il-kaz huma litteralment l-oppost ghal dawk li ddikjarat is-socjeta' attrici bil-gurament taghha s-socjeta' attrici billi din id-disputa ilha sejra ghal madwar erba' snin b'dan illi tul dan iz-zmien kollu l-eccipjenti kienu dejjem ikkontestaw dak li qed titlob is-socjeta' attrici u partikolarment li dina qatt ma tista' tippretendi kwalunkwe hlas ta' bilanc li jista' talvolta jkun lilha dovut qatt ma tista' tippretendi kwalunkwe hlas ta' bilanc li jista' talvolta jkun lilha dovut meta s-socjeta' attrici baqghat u ghadha sal-lum ma kkompletatx l-appalt lilha moghti, kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni u in via preliminari wkoll hadd ma jista' jippretendi jithallas ta' xoghol li ma wettaqx partikolarment meta u waqt id-diskussjonijiet li ilhom ghaddejjin bejn il-partijiet minn Ottubru tas-sena 2009, l-eccipjenti dejjem u konsistentament kienu ddikjaraw li huma kienu preparati jhallsu kull bilanc illi jista' jkun dovut wara li jsiru l-konteggi kif dejjem misshom saru*

*dejjem pero' wara illi s-socjeta' attrici taghmel il-finishes li kienu ghad jonqoshom isiru u ghadhom sal-lum ma sarux fuq il-faccatta tal-binja proprjeta' ta' u wzata mill-eccipjenti bhala d-dar konjugali taghhom u dan partikolarment meta l-bilanc tal-hlas li qed jintalab jinkludi wkoll dak ix-xoghol fuq il-faccata li ghadu ma sarx;*

*3. Illi ghalhekk din il-kawza hija intempestiva u konsegwentement l-eccipjenti m'ghandhom ibghatu l-ebda spejjez ghall-istess;*

*4. Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-ewwel tlett eccezzjonijiet u fil-mertu d-domandi attrici kif impost huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda kontra s-socjeta' attrici billi l-ammont reklamat fic-citazzjoni mhux dovut kollox kif jigi spjegat dettaljatament waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

*5. Salv kull eccezzjoni ulterjuri."*

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Ottubru, 2016, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi:

*"1.Tiddikjara li l-ewwel eccezzjoni hi ezawrita.*

*2. Tichad it-tieni u tielet eccezzjoni.*

*3. Tichad ir-raba' eccezzjoni, izda ghar-ragunijiet li nghataw tilqa t-talba tal-attrici biss ghas-somma ta' hdax-il elf mitejn u disgha u erbghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€11,249.31).*

*4. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf mitejn u disgha u erbghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€11,249.31).*

*5. Bl-imghax skont il-ligi kontra l-konvenuti b'effett mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-8 ta' Marzu 2010 sad-data tal-pagament.*

*Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 80% a karigu tal-konvenuti u 20% a karigu tal-attrici peress li kienet qeghda titlob hlas ta' somma ikbar."*

4. Dik il-Qorti ddeċidiet il-kawża wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Is-socjeta' attrici qeghda titlob hlas ta' €15,723.18, bilanc minn somma akbar, dovuta ghall-oggetti mibjugha u konsenjati lill-konvenuti kif ukoll*

*ghal xoghlijiet ezegwiti fil-proprjeta' tal-istess konvenuti fuq inkarigu taghhom.*

*1. Eccezzjonijiet preliminari.*

*a. Abbuz mill-procedura sommarja – eccezzjoni li llum il-gurnata hi ezawrita ladarba l-qorti tat lill-konvenuta l-opportunita li tiddefendi ruhha.*

*b. Intempestivita' – Il-konvenuti jsostnu li kienu accettaw li jhallsu kull bilanc dovut wara li s-socjeta attrici tlesti x-xoghlijiet kollha li ftehmu li kellhom isiru fil-faccata tal-proprjeta' taghhom, li pero baqghu ma tlestewx. Ghalhekk f'dan l-istadju l-kawza attrici hija ntempestiva ghax ma tistax tfittex ghal hlas ta' xoghol li ghadu ma sarx.*

*Il-bazi ta' din l-eccezzjoni ma hi sorretta minn ebda prova. Huma l-konvenuti stess li ressqu prova li kienu qabbdu lil terzi sabiex ikomplu dawk ix-xoghlijiet li skont huma kien ghad fadal isiru fil-faccata u li ma kinux saru mis-socjeta' attrici[1]. F'dan l-istadju u bhala fatt huwa car - fuq ammissjoni tal-konvenuti stess, xoghol fuq il-faccata tal-proprjeta' taghhom ma fadalx xi jsir ghax huwa kollu lest. Inoltre ma jirrizultax li s-socjeta' attrici qeghda tfittixhom ghal hlasijiet ta' xoghlijiet li ma sarux.*

*2. Mertu*

*Huwa pacifiku li l-partijiet kienu ftehmu li s-socjeta' attrici tforni kunsinna ta' diversi oggetti relatati ma' zewg kmamar tal-banju kif ukoll madum biex jitwahhal minn terzi fir-residenza tal-atturi. Il-partijiet ftehmu wkoll li s-socjeta' attrici kellha taghmel xoghlijiet fuq il-faccata tal-istess proprjeta'.*

*"Faccata tal-fond tal-konvenuti*

*Provi.*

*Skont is-socjeta' attrici[2], ghal bidu tas-sena 2008 huma gew avvicinati mill-konvenuti li wrew l-interess li jaghmlu xi rham ma' parti mill-faccata tad-dar taghhom. F'Marzu 2008 nharget stima ghall-valur ta' €11,166 VAT, inkluz li ma kinitx bazata fuq qisien mehuda mis-socjeta' attrici izda fuq dettalji moghtija mill-konvenuti. Wara li l-konvenuti ndikaw li riedu jipprocedu, anzi riedu jaghmlu cladding mal-faccata kollha, saret spezzjoni mis-socjeta' attrici u gie propost survey sabiex jigu identifikati xi nuqqasijiet fl-invelli jew qlib. Ghal dan il-ghan gie maqbul hlas ta' depozitu ta' €1,000 inkluz il-VAT b'dana li jekk il-konvenuti ma jkomplux bl-ordni, il-pjanti u d-designs isiru proprjeta' taghhom u s-socjeta' attrici zzomm l-€1,000, filwaqt li jekk l-ordni titkompla mas-socjeta' attrici dan il-hlas jitnaqqas mill-prezz tax-xoghol. Is-survey sar fit-18 ta' Lulju 2008. Wara dan il-process is-socjeta' attrici ghamlet il-kalkoli mehtiega u*

[1]Paragrafu 17 tan-Nota guramentata tal-konvenut Ivan Cassar a fol 22.
[2] Affidavit ta' Joseph Vella a fol 80

*kkomunikat il-prezz ta' €13,000 lill-konvenuti li minn naha taghhom accettaw li jidhlu f'arrangament formali mas-socjeta' attrici. Inharget draft invoice fis-16 ta' Settembru 2008 ghall-prezz ta €13,000 eskluz il-VAT. Ix-xoghol beda skont il-ftehim izda l-konvenuti ma mxewx mal-pagamenti miftehma. Sal-lum thallsu biss €6,000 mill-ammont kollu ta' €16,851.04 inkluz il-VAT dovut ghall-faccata. Ix-xoghol fuq il-faccata mexa b'ritmu normali pero' f'Marzu 2009 is-socjeta' attrici ordnat lill-haddiema biex jieqfu mit-twahhil minhabba li l-hlasijiet ma kinux qeghdin isiru kif miftiehem minn naha tal-konvenuti. Izda f'April 2009, u wara ntervent minn certu Jason Micallef, wiehed mic-cangara li kien qieghed jahdem fuq il-faccata tal-fond tal-konvenuti, il-bqija tax-xoghol pendenti fuq il-faccata tlesta u l-iscaffolding izzarma. Il-bilanc tal-hlasijiet fuq il-faccata ghadhom pendenti.*

*Is-socjeta' attrici tghid li x-xoghol miftiehem ghal din il-parti tal-fond kien jinkludi:*

- *l-irham u l-lava;*
- *kejl u surveying;*
- *pjanti, visuals u design work maghmulin apposta ghal progett;*
- *kolla u prodotti ohra biex seta' jitwahhal l-irham mal-faccata;*
- *il-mano d'opera minn installers professjonali u ta' esperjenza;*
- *provvista ta' scaffolding inkluz l-immuntar, certifikazzjoni u zmuntar tal-istess scaffolding;*
- *qtugh tal-irham skont il-qisien ikkalkolati;*
- *garr ta' materjal;*
- *tindif, tahlib u sealant;*

*Min-naha l-ohra l-konvenuti jikkontradixxu diversi aspetti tat-tezi attrici. Huma mhux biss jikontestaw il-quantum mitlub mis-socjeta' attrici ghax-xoghol fuq il-faccata izda anke r-raguni li minhabba fiha x-xoghol ma tkompliex. Fin-Nota Guramentata tieghu, il-konvenut jghid li l-ewwel stima li nghata ghall-cladding tal-faccata kienet ta' € 11,166 u li fuqha huwa hallas €1,000 depozitu. Ghalkemm is-socjeta' attrici obbligat ruhha li tibda x-xoghlijiet fuq il-faccata fil-bidu ta' Settembru 2008 u titlesta fi 3 gimghat dan ma sehhx. Wara diversi tentattivi inutli l-konvenuti rnexxielhom jaghmlu kuntatt ma' Joe Vella ghan-nom tas-socjeta' attrici li minn naha tieghu talabhom hlas ulterjuri ta' €4,000 biex jitkompla x-xoghol fuq il-faccata, liema hlas gie effetwat mill-konvenuti. Ftit granet wara, l-ewwel stima giet mibdula peress li skont Joe Vella din ma kinitx tinkludi certi partijiet tal-estern tar-residenza tal-konvenuti.*

*L-istima gdida ta' €13,000 giet accettata mill-konvenuti. Bdew ix-xoghlijiet fuq il-faccata izda bl-iskossi ghax daqqa jieqfu u mbaghad ergghu jitkomplew. Fil-frattemp giet a konjizzjoni tal-konvenuti nformazzjoni li s-socjeta' attrici kellha xi diffikultajiet finanzjarji b'dana li la kellha biex thallas lil haddiema taghha u lanqas lill-forNituri tal-materjali u li ghalhekk ix-xoghol fuq il-faccata tar-residenza tal-konvenuti kien qieghed jieqaf kontinwament. Minhabba f'hekk fil-15 ta' Jannar 2009, il-konvenuti rnexxielhom jilhqu ftehim ma' Joe Vella u ma' certu Brian Farrugia - fornitur ta' Vella tal-materjal li kien qieghed jintuza fuq il-faccata tal-fond tal-konvenuti – biex ihallsu €1000 sabiex jigi fornut il-materjal li kien fadal u x-xoghol jerga' jitkompla. Il-hlas sar izda x-xoghlijiet ma qabdux ir-ritmu miftiehem. Huwa rega' hallas €2860 ohra biex ix-xoghol jitkompla izda ghalxejn ghax ix-xoghol mhux talli ma tkompliex talli gie abbandunat. Bejn Novembru 2009 u Marzu 2010 il-konvenut baqa' f'kuntatt mas-socjeta' attrici biex jintlahaq ftehim izda ghalxejn u ghalhekk huwa rrikorra ghan terzi biex ikomplu x-xoghlijiet ta' barra huma[3].*

*Mill-provi mressqa huwa car li mhux ix-xoghlijiet kollha originarjament pattwiti gew kompletati, u x-xoghlijiet li saru hadu certu zmien bil-partijiet iwahhlu f'xulxin ghad-dewmien. Ghalkemm ma ntweriex mill-provi kif kien ezatt il-ftehim dwar il-modalitajiet tal-hlas, il-Qorti temmen li r-raguni ewlenija ghal certu dewmien kienet attribwibbli ghal nuqqasijiet da parti tal-konvenuti milli jeffetwaw hlasijiet regolari ghax-xoghlijiet fil-faccata. In fatti malli kien isir pagament, ix-xoghol kien jitkompla. Ghalkemm il-konvenuti mplikaw diversi persuni li skont huma kienu semmew problem finanzjarji da parti tas-socjeta' attrici, dawn l-allegazzjonijiet gew kategorikament michuda minn dawn il-persuni l-ohra u ma giex pruvat mod iehor lanqas. Ukoll, tenut kont tal-ammont relattivament baxx ta' hlasijiet akkont li l-konvenuti ghamlu fuq ix-xoghlijiet fuq il-faccata, l-Qorti ma hix sorpriza li s-socjeta' attrici rrifjutat li tkompli bix-xoghlijiet fuq il-porch.*

*Meqjus dan, u f'kull kaz, is-socjeta' attrici jistoqqilha hlas tax-xoghlijiet li lahqet ghamlet fuq il-faccata.*

*Mill-atti jirrizulta li:*

*i. Is-socjeta' attrici harget stima (nru. 14) ghal xoghol ta' "Cladding of Facade in Stone" ghall-ammont ta' €9,462.71 li flimkien mal-VAT ammontat ghal €11,166. Fiha jinghad li l-istima valida sal-4 t'April 2008[4]. L-attrici harget stima ohra, ukoll bin-numru 14 ghall-istess skop – cladding of facade in stone u li tkopri l-istess affarijet bhal dik ta' qabilha izda ghas-somma ta' €3,047 eskluz il-VAT[5]. F'kull kaz, it-tnejn huma biss stimi;*

[3] Nota Guramentata a fol 19 et seq
[4] Fol 27 – Dok IC 1
[5] Fol 171 – Dok IC 1A.

*ii. Fid-9 ta' Settembru 2008 inharget draft invoice li kienet tkopri cladding of Jambs in 3cm thick stone, cladding of porch in 30*60 stone u cladding of tops of opramorta in 3cm thick slate ghas-somma ta €4,074.92[6]. Jigi nnutat ukoll li fuq din id-draft invoice hemm miktub bl-idejn - "Final Decision" li tkopri "1. Quote for facade as per quotation 14 - €9462.71" u "2. Window frames in LAVA € 3580.77" bis-somma finali tkun ta' €18,234.92 wara li inghata skont u giet kalkulata l-VAT. Dawn il-workings mahduma bl-idejn jindikaw li saru fl-istess jum li fih inharget din id-draft invoice u dan b'referenza ghall-kliem miktub bl-idejn "€4,000 deposit paid in cash today (9/9/2008 R 246)[7]" ;*

*iii. Fis-16 ta' Settembru 2008 inharget draft invoice ohra Nru 35 li tkopri "cladding of window frames in royal brown roulato (€842.57), cladding of Jambs in 3cm thick stones (€1,103.15), cladding of porch in 30*60 stone (€1172.78), cladding of tops of opramorta in 3cm thick slate (€1177.39), cladding of facade in stone as per quotation" (€8704.11[8]) ghas-somma totali ta' €13,000[9]. Dan wara li kien inghata skont fuq il-prezzijiet kwotati. Ebda ammont addizjonali ma tnizzel bhala VAT. Din l-invoice tinkorpora fiha l-prezz moghti fl-istima Nru 14, bl-istess prezzijiet li jissemmew fl-invoice tad-9 ta' Settembru ghal cladding of jambs, cladding of porch u cladding of tops of opramorta bl-iskont b'kollox izda ma taghmel ebda referenza ghal xi figuri ndikati bil-pinna mis-socjeta' attrici fuq dik l-istess invoice;*

*iv. Inharget invoice datata 1 ta' Dicembru 2009[10], ghall-ammont ta' €12,000 ghal "Cladding of Façade", €1,103.15 ghal "Cladding of Jambs" u €1,177.38 ghal "Cladding of Tops of Opramorta". Dawn ic-cifri gew konfermati fl-invoice tat-3 ta' Mejju 2010, li hija l-ahhar invoice mahruga mis-socjeta' attrici u li fuqha qed tibbaza l-azzjoni taghha.*

*L-istess socjeta' attrici tghid li hija waslet ghac-cifri finali ndikati fl-invoice tat-3 ta' Mejju 2010 b'dan il-mod:*

> *"Il-prezz tax-xoghol li sar fuq il-faccata tal-konjugi Cassar mill-kumpanija tieghi jammonta ghal €16,851.04 inkluz il-VAT. Il-prezz tax-xoghol kollu li jien intrabatt biex naghmel kien ta' €18,234.92 (vide Dok AH01 u Dok AH02) pero' wara li tlesta x-xoghol principali tal-faccata, jien iddecidejt li ma nesegwix ix-xoghol konness mal-porch u dan stante li l-konvenuti kienu moruzi fil-pagamenti. Il-porch kien parti ndipendenti mill-faccata u setghet tithalla barra minghajr riskju jew perikolu. Nghid li wara li l-konvenuti gew mitluba, ghal diversi drabi, sabiex jottempraw ruhhom mal-pagamenti kif pattwit u baqghu jonqsu milli jonoraw il-ftehim, jien avzajthom li mhux se nkompli bix-xoghol tal-porch u fil-fatt ix-xoghol fil-porch ma sarx minni u naf li l-konvenuti qabbdu terzi biex jaghmlu dan ix-xoghol fil-porch kif tra l'altro ikkonfermaw huma stess fis-*

[6] Fol 98 – Dok AH 02.

[7] il-konvenuti jghidu li huma qatt ma kienu raw dawk il-workings qabel il-kawza - Pagna 3 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom.

[8] Is-somma €9462.71 mill-istima nru 14 tnaqqset b'€758.60 ghal €8704.11.

[9] Fol 33.

[10] Fol 105 u 106.

> *sottomissjonijiet taghhom. Il-prezz miftiehem ghall-porch kien ta' €1383.88 (inkluz il-VAT) kif jidher f'Dok AH 02, u meta dan jitnaqqas mit-total ta' €18,234.92 jibqa' bilanc ta' €16851.04. Minn dan l-ammont il-konvenuti hallsu €6000 u ghalhekk jibqa' bilanc ta' €10,851.04 dovut lill-kumpanija tieghi, cioe s-socjeta' attrici. L-ammont li gie mitlub jeskludi l-prezz miftiehem ghall-porch u jinkludi biss ix-xoghol li sar[11]";*

*Dok AH 01[12] li ghalih saret referenza mis-socjeta' attrici huwa kopja tal-isitima li tkopri s-somma ta' € 11,166 VAT inkluz ghal "Cladding of Facade in Stone" filwaqt li Dok AH 02[13] huwa d-draft invoice tad-9 ta' Settembru 2008 li minnu evidentement (skont dak appena kwotat) is-socjeta' attrici qeghda tiffoka fuq dik il-parti tieghu li hija miktuba bil-pinna li l-workings taghha wasslu ghas-somma ta' €18,234.92;*

*Joseph Vella jkompli jixhed hekk:*

> *"Ma niftakarx id-data li ghidnilu bic-cifra ta' tmintax il-elf euro. Il-materjal intaghzel minn Cassar. Hu kien jaf kemm jiswa. L-ammont li qed nippretendi ghax-xoghol fuq il-faccata kien jaf x'inhu s-Sur Cassar qabel ma beda x-xoghol. Kien bejn Settembru u Dicembru tal-2008 illi s-Sur Cassar kien jaf kemm hu l-ammont dovut fuq il-faccata….Is-somma ta' tmintax-il elf, mitejn u erbgha u tletin euro (€18, 234) hi cifra illi jien kont qbilt dwarha ma' Mr Cassar fil-prezenza ta' martu….."[14] .*

*Il-konvenuti qeghdin jinsistu li c-cifri li fuqhom ghandu jigi kalkulat il-hlas dovut ghall-faccata huma dawk indikati fid-draft invoice tas-16 ta' Settembru 2008 (fol. 33) u mhux dawk indikati fl-invoice tat-3 ta' Mejju 2010 (fol.107). Fil-fehma taghhom, is-socjeta' attrici stess hi konsapevoli tal-fatt li l-prezz finali maqbul kien dak skont l-istima tas-16 ta' Settembru 2008 u rreferew ghal dak li qal Joseph Vella fl-affidavit:*

> *"3.6 Wara li sar is-survey u gew ivverifikati l-qisien, is-socjeta' attrici ghamlet designs tal-faccata, hadmet il-kwantitajiet skond is-survey, il-pjanti w d-designs, u kkomunikat <u>il-prezz finali lill-konvenuti u dawn accettaw li jidhlu f'arrangament formali li sar permezz ta' ordni li saret fis-16 ta' Settembru 2008, ghal prezz ta' €13,000</u> eskluz il-VAT, kif jidher f'dok IC 5 ipprezentat mill-konvenut stess[15]."*

*Huwa minnu li fis-16 ta' Settembru 2008 dik kienet is-sitwazzjoni. Madankollu hu car li dik ma kinitx meqjusa bhala invoice finali izda biss "draft". Irrizulta b'mod inkontestat fil-fatt li wara dik id-data, il-konvenuti kellhom ripensament fir-rigward tal-materjal li kellu jintuza ghall-frames tat-twieqi.*

*Joseph Vella xehed hekk-*

---

[11] Affidavit a Fol 80.
[12] Fol 97.
[13] Fol 98.
[14] Fol 125.

[15] Fol 86 – 87.

> *"6.2 L-ghazla finali ta' liema materjal jintuza mhix u qatt ma kienet taghna imma tal-konvenuti – jigifieri jekk originalment kellu jintuza materjal LAVA mat-twieqi u l-konvenuti biddlu l-fehma u xtaqu materjal differenti, ezempju ROYAL BROWN ROULATO, biex finalment regghu waqghu ghal LAVA huma affarijiet li jigru: pero' finalment twahhal dak li xtaqu, dak li ordnaw u dak li kkonfermaw il-konvenuti[16]."*

*Il-Qorti tikkonstata li effettivament, filwaqt li d-draft invoice tas-16 ta' Settembru 2008 tindika "cladding of window frames in Royal Brown Roulato", fir-realta', dan ix-xoghol imbaghad sar bil-materjal tal-LAVA ta' kulur iswed kif konfermat anke mir-rapport u r-ritratti tal-perit inkarigat mill-konvenuti stess[17]. Joseph Vella ghas-socjeta' attrici ikompli hekk –*

> *"Il-materjal li effettivament twahhal fuq il-faccata hu tat-tip Ragosano u Pietra Lava. M'ghandu x'jaqsam xejn mar-Rolato[18]."*

*Il-konvenuti jikkonfermaw dan it-tibdil izda jghidu li l-prezz xorta kien l-istess –*

> *"Il-window frames saru tal-materjal lava. Mr Vella kien qalilna li xorta l-istess prezz bhal brown roulato li jissemma fid-dokument IC 5, draft invoice, a fol tlieta u tletin (33). Fil-fatt fid-dokument tal-5 ta' Marzu 2008, il-window frames jinghad illi l-materjal hu tal-lava [19]."*

*F'dan ir-rigward pero' l-qorti tinnota li l-window frames qatt m'humiex inkluzi fl-istima tal-5 ta Marzu ghaliex fl-ordni tas-16 ta' Settembru 2008 huma mnizzlin separatament. Ghalhekk ma jistax jigi dedott dak li qal il-konvenut dwar il-frames tat-twieqi.*

*Lanqas hija verosimili l-asserzjoni tal-konvenuti li l-prezzijiet setghu kienu l-istess jew almenu fl-istess ilma tenut kont il-varjazzjoni fit-tip ta' materjal. Kif xehed Joseph Vella –*

> *"6.3 Bhala fatt il-materjal ROYAL BROWN ROULATO huwa tip ta' limestone u m'ghandux x'jaqsam in kwantu ta' sahha u rezistenza mal-lava u bhala fatt huwa materjal irhas mill-LAVA. Il-materjali ma jistghux jigu pparagunati u sa fejn naf jien, id-decizjoni temporanja li jmorru ghal ROYAL BROWN ROULATO kienet ghal raguni ta' kulur ghaliex ghal xi zmien kienu qeghdin jikkunsidraw li jaghmlu l-frames tat-twieqi fuq il-kannella minflok griz. Il-konvenuti finalment ikkonfermaw il-LAVA u eliminaw ir-ROYAL BROWN ROULATO[20]."*

*Verzjoni li ma gietx kontradetta.*

*Huwa minnu li fl-istess perjodu li kien wasal biex jigi kompletat ix-xoghol fuq il-faccata tal-konvenuti, intbaghtet email datata 21 t'April 2009 mill-*

---

[16] Affidavit a fol 87.
[17] Fol 65 sa 69 – Dok KG 1.
[18] Fol 125.
[19] Xhieda tal-konvenut a fol 168.
[20] Afficavit a fol 87 – 88.

*kontrollur finanzjarju tas-socjeta' attrici lill-konvenuti permezz ta' liema rega' gie dikjarat il-prezz ta' €13,000 ghall-faccata*[21]*. Izda rrizulta li dawn kienu biss workings u mhux l-invoice finali dwar ix-xoghlijiet li saru fil-faccata. Il-Qorti ma temminx li l-konvenuti ma kinux jafu li l-ghazla taghhom fil-bidla tal-materjal ghall-frames tat-twieqi ma kinitx se ggib maghha wkoll bidla fil-prezz tal-istess.*

*Irrizulta wkoll illi:*

*i. il-bqija tal-faccata saret minn natural stone tat-tip Ragusano*[22]*;*

*ii. il-porch ma sarx mis-socjeta' attrici izda minn terzi. Hlas ghalih mhux qieghed jintalab mis-socjeta' attrici;*

*iii. il-koxox tal-bibien (jambs) saru wkoll ghalkemm hemm dizgwid bejn il-partijiet dwar il-perjodu meta saru. Is-socjeta' attrici tinsisti li dawn tkejlu fi Frar u twahhlu bejn Frar u Marzu 2009*[23]*. Il-konvenuti jghidu li dawn saru f'Mejju jew Gunju 2009*[24]*. Il- prezz taghhom izda mhuwhiex kontestat;*

*iv. il-cladding tal-parti ta' fuq tal-opramorta sar ukoll ghalkemm ma hemmx indikazzjoni taz-zmien ezatt meta dan sar. Fis-sottomissjonijiet taghhom il-konvenuti iqajmu argument li dan ix-xoghol ma sarx*[25]*. Izda l-kuntest shih ta' dak li qal Joseph Vella waqt is-seduta tat-28 ta' Mejju 2014 ma kienx li l-opramorta baqghet ma saritx izda li din saret wara li saru x-xoghlijiet fuq il-faccata*[26]*.*

*Qam dizgwid ukoll bejn il-partijiet dwar aspetti ohra tax-xoghlijiet:*

*(a) allegat carcir ta' kolla li l-konvenuti qalu li gie mwaqqa' mill-haddiema tas-socjeta' attrici fuq il-LAVA*[27]*. Dan gie michud mis-socjeta' attrici li qalet ukoll li dan l-ilment qatt ma kien tqajjem qabel mill-konvenuti*[28]*. Minn rapport u stima ta' perit imqabbad mill-konvenuti*[29] *jirrizulta minnu li kien hemm bzonn ta' xi tindif mal-faccata. Izda ma tressqet ebda kontro-talba da parti tal-konvenuti ghar-rigward ta' xi spejjez li setghu jinkorru l-konvenuti b'referenza ghax-xoghlijiet in kwistjoni. Ma hemm ghalhekk ebda lok li l-Qorti taghmel konsiderazzjonjiet ulterjuri dwar dan il-punt.*

---

[21] Fol 54 u 55 – Dok IC 15. Dwar dan il-konvenut jghid li huwa kien ilmenta mas-socjeta' attrici ghax l-ispejjez totali tal-cladding kellhom ikunu ta' €13,000 u mhux ta' €14,000 kif hemm indikat (paragrafu 34 tan-Nota gurametata tieghu a fol 25).
[22] Fol 142 – xhieda ta' Joseph Vella.
[23] Affidavit Joseph Vella – punt 15 fol 91.
[24] Fol 186.
[25] Pagna 8 tas-sottomissjonijiet.
[26] Fol 126.
[27] Fol 22 punt 17.
[28] Affivait Joseph Vella a fol 92.
[29] Fol 65 – 69.

*(b) Il-konvenuti jghidu li l-"final treatment" li ghalih qeghda titlob hlas is-socjeta' attrici fil-prezz tal-cladding of façade ma sarx[30]. Joseph Vella xehed hekk:*

> *"Trattament wara li wahhalna l-faccata ma kellniex bzonn naghmlu. Dik saret mal-materjal. Is-sealer sar max-xoghol, mat-twahhil tal-materjal. Meta hallejnih ahna ma kellu bzonn ebda treatment[31]."*

*Jason Micallef, wiehed mill-haddiema li hadem fuq il-faccata ukoll ikkonferma li nghata s-sealer[32].*

*Fuq bazi ta' probabilita' l-Qorti temmen it-tezi tas-socjeta' attrici dwar dan il-punt.*

*Il-Qorti rat ukoll il-provi tal-konvenuti dwar xoghlijiet li saru minn terzi fuq il-faccata. Fl-affidavit tieghu Michael Pace Gasan xehed li huwa kien ghamel xoghlijiet ghall-konvenuti kif indikat fl-istima a fol 45, liema xoghlijiet thallsu mill-konvenuti. Huwa ghamel "borduri mal-bibien kollha tal-faccata nkluzi tal-gallariji, il-blata tal-bieb tal-hanut; ghamilt ukoll xi sollijiet li kienu nieqsin, komplejt il-porch kif ukoll xoghol ta' grouting fuq l-istess porch u kull fejn kien hemm bzonn fuq il-faccata.[33]" Wara li rat l-istima, il-qorti hi tal-fehma li fil-parti l-kbira tieghu dan ma jidhirx li kien xoghol li kien miftiehem mas-socjeta' attrici. Il-kunsinna ta' materjal "Galala" u t-tqeghid tieghu ghall-borduri tal-bibien u s-sollijiet u l-cladding taghhom ma jirrizultax li kien inkluz fil-ftehim mas-socjeta' attrici. Il-hxuna ta' dan il-materjal (4cm) ukoll kienet teccedi dik miftehma ghall-materjal u cladding li sar mis-socjeta' attrici (3cm);*

*Il-porch u l-grouting tieghu kienet miftehma mas-socjeta' attrici imma ma tkomplitx u ma ntalabx hlas taghha.*

*Izda Michael Pace Gasan isemmi wkoll xoghol ta' grouting li ghamel f'xi partijiet mill-faccata, xoghol li kien certament jispetta lis-socjeta' attrici bhala parti mill-inkarigu taghha u li talba ghal hlas ghalih huwa wkoll inkluz f'din il-kawza. Ghal din ir-raguni l-Qorti tqis li arbitrio boni viri ghandhom jitnaqqsu €200 mis-somma dovuta lis-socjeta' attrici ghall-faccata.*

*Fid-dawl tas-suespost l-ammont dovut ghax-xoghlijiet fuq il-faccata ghandu jkun:*

*Cladding of facade in stone (€9,462.71) u cladding of window frames in LAVA (€3,580.77) li bil-prezz skontat ta' 8% jaghti total ta' €12,000 mitluba mis-socjeta' attrici[34].*

---

[30] Stima Nru 14 a fol 27.
[31] Fol 126.
[32] Fol 161B.
[33] Fol 153.
[34] Fol. 105-106.

*Cladding of Jambs - €1,103.15*

*Cladding of Tops of Opramorta – €1,177.38*

*Tnaqqis ta' €200*

*TOTAL = €14, 080.53 (Vat eskluz)*

<u>Accessorji ghall-Kmamar tal-banju u madum</u>.

*Skont is-socjeta' attrici[35]:-*

- *Rigward ix-xiri ta' kmamar tal-banju u madum tal-kmamar tal-banju, kienu gew iffinalizzati Order 255 (Dok AH 03[36]), Order 256 (Dok AH 04[37]) kif ukoll ordni separata ghal madum kif jidher fi stima 202 (Dok AH 5 – highlighted items biss[38]) u stima 203 (Dok AH 06[39] – highlighted items biss) u li komplessivament ammontaw ghal €17,177.21 inkluz il-VAT;*
- *Wara talba maghmula mill-konvenuti ghal skont fil-prezz, gie maqbul li a bazi li l-konvenuti jiehdu l-materjal elenkat fl-ordnijiet kollha, jigi koncess skont li bih jitnaqqas 50% mill-prezz ta' Basin tal-irham mastizz (Ref: OV6038), u jitnaqqas 100% il-prezz ta' Basin (Ref: BA1016);*

- *Il-prezz ghall-ordni totali maqbula fil-kaz tal-konjugi Cassar kellha tinzel ghal €14,338.82. L-iskont inhadem a bazi tal-materjal li kien elenkat fl-ordnijiet imsemmija;*

- *Kien hemm diversi oggetti fl-Orders 255 u 256 li dehru bhala jew inkonkluzi u/jew minghajr prezz ghaliex il-konvenuti kienu ghadhom qed itellghu u jnizzlu rigward Order 256 – items SERVICEP u TEMP u Order 255 – item TEMP;*

- *Il-konvenuti qatt ma hallsu d-depozitu miftiehem (50% tat-total);*

- *Il-kumplament tal-materjal tal-kmamar tal-banju ttiehed b'mod sporadiku u gew ukoll ritornati xi affarijiet;*

- *Finalment kienet giet preparata lista t'affarjiet li kienu ttiehdu mill-konvenuti ghall-kmamar tal-banju u gie preparat kont ghall-ammont totali ta' €12,724.87 inkluz il-VAT. B'hekk l-ordni originali giet imnaqqsa b'€4452.35 – skont ta' aktar minn 25%;*

---

[35] Affidavit Joseph Vella a fol 81 et seq.
[36] Fol 99.
[37] Fol 100.
[38] Fol 101.
[39] Fol 102.

- *Dan l-ammont gie kontestat mill-konvenuti u wara laqgha li huma kellhom mas-socjeta' attrici nsistew li l-iskont originali jibqa' japplika u li kienu ser ihallsu l-ammont dovut bl-iskont imnaqqas. Is-socjeta' attrici nsistiet li l-iskont originarjament maqbul kien mahdum fuq figura ferm akbar minn dik finalment mehuda u allura tali skont ma setax jinzamm;*

- *Minkejja li kienu debitament interpellati, l-konvenuti baqghu ma hallsux, la l-bilanc pretiz mis-socjeta' attrici u lanqas l-ammont li skont huma kien dovut;*

- *Fis-27 t'April 2010 saret laqgha bejn il-partijiet bil-ghan li jintlahaq ftehim. L-iskont pretiz mill-konvenuti ma ssemmiex. Il-konvenuta kellha l-lista t'affarijiet li skont hi kienu hadu, u dak il-hin stess, fil-prezenza tal-partijiet l-ohra inkluz l-avukati, Joseph Vella ghas-socjeta' attrici ha nota ta' kull item li semmiet il-konvenuta, liema nota ttiehdet b'biro hamra, kopja ta' liema giet esibita in atti a fol 104;*

- *Ftit granet wara din il-laqgha, s-socjeta' attrici ppreparat kont aggornat u gew imnaqqsa dawk l-affarijiet kif indikati mill-konvenuta Deborah Cassar fejn il-figura spiccat tnizzlet ghal €12,523.15 inkluz il-VAT (Dok AH 08 a fol 107 u 108), liema kont huwa dak attwalment mitlub il-hlas tieghu mis-socjeta' attrici f'din il-kawza. Din l-invoice iggib id-data tat-3 ta' Mejju 2010.*

*Skont il-konvenuti[40]:*

- *Ghal habta ta' Awissu 2008 huma bdew jikkunsidraw xi proposti li sarulhom mis-socjeta' attrici ghal dak li jirrigwarda l-madum, sanitary ware ghall-kamra tal-banju u l-ensuite;*

- *Wara li fil-5 ta' Settembru 2008 huma gew offruti wash hand basin ta' 1.5m b'xejn flimkien ma' stima emendata ghall-merci ohra ghall-kmamar tal-banju, huma qablu li sal-ahhar tas-sena 2008 is-socjeta' attrici kellha tikkunsinnalhom l-oggetti kollha relatati mal-kmamar tal-banju nkluz il-madum;*

- *Fit-13 ta' Settembru 2008 is-socjeta' attrici tathom il-pjanti tal-kmamar tal-banju biex il-plumber u l-electrician inkarigati mill-konvenuti ikunu jistghu iwettqu x-xoghlijiet mehtiega;*

- *Fis-26 ta' Novembru 2008, is-socjeta' attrici kkunsinnat il-madum li ghalih il-konvenuti hallsu fil-pront is-somma ta' €4,248 li ghaliha nghataw ricevuta - Dok IC 12. F'din l-istess data gew konsenjati wkoll flat hand shower, in wall shower set u zewg in wall faucets, li bi qbil bejn il-partijiet kellhom jigu mhallsa meta jaslu l-bqija tal-accessorji;*

---

[40] Nota guramentata tal-konvenut – para 18 et seq (fol 22 et seq).

- 
- *L-accessorji l-ohra hadu xi zmien biex waslu, u l-konvenuti damu bejn Novembru 2008 u April 2009 biex waslu;*
- 
- *Fit-3 ta' Frar 2009 il-konvenuti xtraw aktar madum minghand is-socjeta' attrici (mhux konness mal-kmamar tal-banju – ghas-somma ta' €543), liema madum huma hallsu u nghataw ricevuta;*

- *Il-bqija tal-accessorji tal-kmamar tal-banju waslu fit-22 t'April 2009. Ghal dawn il-konvenuti hallsu s-somma ta' €2859.50 bhala bilanc minn somma akbar wara li l-konvenuti rritornaw xi accessorji lura ghax kienu zejda, u ghax item minnhom kien imkisser. Dan il-hlas kien ikopri wkoll l-oggetti kkunsinnati fis-26 ta Novembru 2008. Barra minn hekk il-prezzijiet kollha tal-oggetti tal-kmamar tal-banju gew imnaqqsa bl-ammont ta' €407.17 ekwivalenti ghal 11.61%;*

- *Gew ukoll ritornati xi items ohra li l-konvenuti sabu li kienu difettuzi.*

- *L-items kollha ritornati m'humiex inkluzi fl-invoice tat-3 ta' Mejju 2010 li a bazi taghha s-socjeta' attrici qeghda titlob hlasijiet pendenti.*

*Jigi nnutat li ghal dawn iz-zewg kmamar tal-banju nhargu aktar minn stima wahda u aktar minn Sales Order wahda. Ghal dawk li huma accessorji tal-kmamar tal-banju gew prezentati kopji ta' Sales Orders 255 u 256*[41]*. Id-dati u l-varjazzjonijiet li hemm bejn wahda u ohra jitqiesu li jirriflettu diversi tibdil u updates li saru fuq l-istess ordnijiet tal-konvenuti Cassar kif spjegat mis-socjeta' attrici stess*[42]*.*

*Il-Qorti tikkunsidra li:*

*1. Ma hemmx kontestazzjoni fuq il-kunsinna tal-madum tal-kamra tal-banju principali u tal-ensuite li saret fis-26 ta' Novembru 2008. Il-prezz ta' €4,248 gie mhallas mill-konvenuti u nghataw l-ircevuta. Dan il-hlas jissemma fl-invoice tat-3 ta' Mejju 2010*[43]*;*

*2. Fit-22 t'April 2009 sar hlas ta' €2,859.50 ghal konsenja ta' accessorji tal-kmamar tal-banju. Fl-ewwel lok u fir-rigward tad-dizgwid li qam bejn il-partijiet dwar dan il-hlas, il-Qorti tqis li s-somma mhallsa fi flus kontanti fit-22 t'April 2009 (Dok IC 14 – fol 53) hija dik li ghaliha nharget ricevuta fil-25 ta' Mejju 2009 anke jekk is-somma mnizzla kienet dik ta' 50 centezmu aktar (fol 35). Il-konvenuti ma gabu prova ta' ebda ricevuta ohra li tkopri hlas ta' €2,859.50 u ghalhekk dawn ma jistghux jitqiesu li kienu zewg hlasijiet separati kif qed jinsinwaw.*

---

[41] Fol 99 u 100; u 133 sa 136.
[42] Xhieda Joseph Vella a fol 144.
[43] Fol. 108.

*3. Fit-tieni lok ma hemmx kontestazzjoni li l-items konsenjati fit-22 t'April 2009[44] u li gew ritornati lis-socjeta' attrici u cioe' 4 light fittings (Item Code L005), brush holder (Item Code F 9005) u zewg push pop ups (Item Code D001A220) m'humiex inkluzi fl-invoice finali tat-3 ta' Mejju 2010.*

*4. Lanqas m'hemm kontestazzjoni li oggetti ohra meqjusa difettuzi u li kienu parti mill-konsenja tat-22 tApril 2009 izda ritornati lura lis-socjeta attrici ukoll gew eskluzi mill-invoice finali ta' Mejju 2010, u cioe' zewg suspended toilets (Item No KN 009-3), Bathtub (Item Code B 25706W) u Bathwaste and Overflow (Item Code (A4012C).*

*5. Fl-1 ta' Dicembru 2009 inharget invoice li tkopri l-items tal-kmamar tal-banju, xoghlijiet relalati mal-faccata u madum addizjonali, hlasiijiet maghmula mill-konvenuti u l-bilanc rimanenti ta' €15,924.90[45];*

*6. Fit-8 ta' Marzu 2010 is-socjeta' attrici interpellat lill-konvenuti sabiex ihallsu tali bilanc permezz ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap 12[46], liema ittra giet kontestata mill-konvenuti fit-22 ta' Marzu 2010;*

*7. Hemm qbil bejn il-partijiet li sussegwentement saret laqgha bejniethom fil-prezenza tal-avukati taghhom bil-ghan li jintlahaq ftehim[47]. Waqt din il-laqgha il-konvenuta qaltilhom li kien hemm xi items li ma haduhomx. Joseph Vella jghid li ha nota taghhom fuq karta u uza biro hamra[48]. Wara dan imbaghad kien hareg l-invoice riveduta fit-3 ta' Mejju 2010[49];*

*8. Il-konvenuta Deborah Cassar[50] tikkonferma li waqt din il-laqgha Joseph Vella ha n-notamenti u uza biro hamra u kiteb fuq karta A4, li l-Qorti tifhem hija dik esibita minn Joseph Vella a fol 104;*

*9. Il-konvenuti mkien ma kkontestaw li l-items kif indikati a fol 104 ma jirrifflettux dak diskuss bejn il-partijiet waqt dik il-laqgha;*

*10. Wara li l-Qorti qieset il-lista tal-accessorji tal-kmamar tal-banju a fol 53, ghajr dawk li gew ritornati lis-socjeta' attrici, u pparagunata mal-listi a fol 104, 105 u 106, issib li l-items tal-kmamar tal-banju indikati fl-invoice numru 256 mahruga fit-3 ta' Mejju 2010 kollha kienu gew konsenjati lill-konvenuti u mizmuma minnhom;*

---

[44] Fol 53.

[45] Fol 78 u 79.

[46] Fol 5.

[47] Xhieda a fol 125.

[48] Xhieda a fol 84.

[49] Xhieda Joseph Vella a fol 125.

[50] Xhieda a fol 163.

*11. Li pero' tosserva l-Qorti huwa l-avarija fil-prezzijiet ta' zewg items tal-kmamar tal-banju kif indikati fl-invoice tat-3 ta' Mejju 2010 meta mqabbla mal-prezzijiet ta' dawk l-istess items li kienu diga' gew konsenjati lill-konvenuti u mhallsa minnhom fit-22 t'April 2009 (delivery note a fol. 53):*

*"a. Basin (Item Code BA 1016) – Fl-invoice tat-3 ta' Mejju 2010 dan huwa ndikat bil-prezz ta' €1,769.83 mentri meta gie konsenjat flimkien mal-items l-ohra lill-konvenuti fit-22 t'April 2009, hemm dikjarat li hu* ***Free****. Il-konvenuti jinsistu li dan sehh wara ftehim bejn il-partijiet*[51] *izda s-socjeta' attrici issa qeghda tinsisti mod iehor. Joseph Vella jghid hekk:*

> *"Parti mix-xoghol illi kellu jigi delivered lil Cassar kien jinkludi basin kbir. Jien dan ma zammejtlux flus ghalih. Il-basin nizziltulu zero ghaliex is-sistema taghna ma tippermettilekx illi taghmel discounts. Hawnhekk jissemma, fid-dokument a fol tlieta u hamsin, basin free. Hu ha discount abbazi tal-ordni li kien ghamel. Issa jekk ma hax l-ordni kollha, allura l-basin ma jibqax free. Ghalhekk dan il-basin imdahhal fit-talba tieghi, somma ta' elf, seba' mija, disgha u sittin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,769.83) …Hemm hafna affarijiet li ma kienx ha Mr Cassar, ghalhekk jien ma stajtx intih dan id-discount cioe' li ntih basin b'xejn. Dan ifisser li l-klijent spicca ma ghandux dritt ghal ebda discount*[52]*."*

*Il-Qorti ma taqbilx. La dan il-basin gie effettivament konsenjat bla hlas, u hekk gie dikjarat fid-delivery note (fol. 53), flimkien ma' items ohra li ghalihom sar hlas mal-konsenja, is-socjeta' attrici ma tistax issa tibdel fehmtha u tippretendi hlas ghalih. Ghaldaqstant, is-somma ta' €1,769.83 m'hijiex dovuta mill-konvenuti.*

*b. Bathroom sink in beige travertine (Item Code OV 6038) – Meta dan is-sink gie konsenjat lill-konvenuti fit-22 t'April 2009*[53]*, il-prezz tieghu u li ghalih sar ukoll hlas kien €466.10. La fil-mument tal-kunsinna l-iskont imwieghed ta' 50% kien japplika u ghalih sar hlas mill-konvenuti, l-istess ragunament japplika. Is-socjeta' attrici ma tistax tibdel fehemtha wara li thallas il-prezz dikjarat minnha stess fid-delivery note. Hlas li jfisser estinzjoni tal-obbligazzjoni. Fic-cirkostanzi l-konvenuta m'ghandhiex jedd tippretendi hlas ta' €932.20 kif dikjarat fl-invoice tat-3 ta' Mejju 2010. Bil-hlas li sar fit-22 ta' April 2009, il-prezz tas-sink thallas."*

*12. Ghal dak li huwa madum ma gew prezentati ebda delivery notes. Joseph Vella ghan-nom tas-socjeta' attrici xehed:*

*"Il-konjugi Cassar ikkonfermaw il-madum li jidher fuq quotations 202 u 203… u talbu li jigi kkunsenjat kemm jista' jkun malajr ghax kienu mghagglin ghalih. Ghaldaqstant, dan gie ordnat minnufih u saru l-arrangamenti necessarji biex il-madum jitwassal hawn Malta….Il-madum gie kkunsenjat lill-konvenuti fil-25 ta' Novembru 2008. Fatturi fiskali ma nhargux u kienet giet ikkalkulata somma li kienet tiehu in konsiderazzjoni l-iskont pattwit peress li sa dak iz-zmien il-premessa*

[51] email datata 5 ta' Settembru 2008 Fol 58 – Dok IC 17.

[52]Xhieda a fol 127.
[53] Indikat bhala "Basin Lautus" – fol 53.

> *kienet li se jittiehed kull ma kien qed jidher fl-ordnijiet imsemmija qabel[54].”*

*Ghal dan il-madum sar hlas ta’ €4,248 u nghatat ricevuta datata 26 ta’ Novembru[55]. Dwar il-madum addizzjonali ordnat mill-konvenuti, is-socjeta’ attrici tikkonferma li “dan gie kkonsenjat lill-konvenuti fi Frar 2009, u li tieghu il-konvenuti hallsu €543 dakinhar stess[56]”. Mid-dokument[57] mehmuz mal-email li ntbaghatet fil-21 ta’ April 2009[58] minn Manuel Camilleri, impjegat tal-attrici, lill-konvenut jirrizulta li gie kkonsenjat madum bi prezz ta’ €4,248 u konsenja extra bi prezz ta’ €543. Total ta’ €4,791. Il-konvenuti hallsuhom kif jirrizulta mir-ricevuti u mill-istess dokument a fol. 55.*

*13. Minkejja ghalhekk li dan il-madum gie konsenjat u thallas in toto skont il-prezz skontat (eskluz il-VAT), illum is-socjeta’ attrici qeghda tippretendi d-differenza fil-prezz tieghu ghaliex kif ammettiet hi stess, l-iskont issa m’ghadux jghodd ghax it-tnaqqis fl-ordnijiet kien kbir[59]. Ghal darb’ohra l-qorti tosserva li din il-pretensjoni m’hijiex gustifikata. Fil-perjodu meta gie ordnat il-madum in kwistjoni, s-socjeta’ attrici kienet ghaddejja bl-ordnijiet l-ohra tal-konvenuti u allura s-socjeta’ attrici ma tistax tghid li ma kinitx taf il-kwantita’ ta’ oggetti li kienu qeghdin jigi ordnati. Jekk dehrilha li kellha tirtira l-iskont kien imissha ghamlet hekk qabel ma kkunsinnat il-madum u accettat il-hlas skontat ghalih. Lanqas m’hemm prova li l-konvenuti gew infurmati li jekk tinbidel l-ordni allura jkun hemm revizjoni tal-prezz. Ghaldaqstant la s-socjeta’ attrici ftehmet mal-konvenuti prezz b’discount ghall-madum, ikkonsenjatu u accettat hlas ghalih bil-prezz miftiehem, l-invoice tat-3 ta’ Mejju 2010 kellha tirrifletti l-prezzijiet miftehma u mhallsa u mhux prezz oghla.*

*Maghmulin dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-Qorti tqis li dak li hi effettivament dovut lis-socjeta’ attrici ghall-merci ndikati fl-invoice taghha tat-3 ta’ Mejju 2010 huwa l-prezz skontat tal-items u cioe’ :*

1. *Kmamar tal-banju: €2,230.43*

2. *Madum: €4,791*

*<u>Total: €7,021.43</u>*

*<u>Taxxa fuq il-Valur Mizjud</u>*

*Il-konvenuti jkkontendu li l-VAT hija diga’ nkluza fil-prezzijiet kwotati. Izda l-Qorti tqis li dan mhux il-kaz. Meta jittiehdu c-cifri kollha ndikati fid-*

[54] Fol 81 u 82.
[55] Fol 51.
[56] Fol 94.
[57] Fol. 55.
[58] Fol. 54.
[59] Fol 82.

*diversi stimi u invoices, liema cifri huma riprodotti fl-invoice tat-3 ta' Mejju 2010, jirrizulta li t-18% VAT giet mizjuda wara. Ghalhekk il-VAT huwa dovut fuq l-ammonti meqjusa dovuti minn din il-Qorti.*

*Ghalhekk it-total tal-hlas dovut ghall-faccata, il-kmamar tal-banju u l-madum hu: €21,101.96 + 18% VAT= €24,900.31*[60]

*14. Hlasijiet:*

*Hemm qbil bejn il-partijiet*[61] *li l-konvenuti kienu diga' ghamlu s-segwenti hlasijiet:*

*i. €1,000 li ghalihom nghataw ricevuta numru 184 datata 5 ta' Lulju 2008*[62]

*ii. €4,000 li ghalihom nghataw ricevuta numru 246 datata 9 ta' Settembru 2008*[63]

*iii. €1,000 li ghalihom nghataw ricevuta numru 303 datata 15 ta' Jannar 2009*[64]

*iv. €2,860 li ghalihom nghataw ricevuta numru 344 datata 25 ta' Mejju 2009*[65]

*v. €4,248 li ghalihom nghataw ricevuta numru 289 datata 26 ta' Novembru 2008*[66]

*vi. €543 li ghalihom nghataw ricevuta numru 312 datata 4 ta' Frar 2009*[67]

*TOTAL: (€ 13, 651).*

*15. Ghalhekk meta tnaqqas din is-somma minn dik dovuta, jibqa' bilanc ta' hdax-il elf mitejn u disgha u erbghin Ewro u wiehed u tletin centezmu (€11,249.31), li ghandhom jithallsu mill-konvenuti lis-socjeta' attrici.*

*16. Konsiderazzjoni finali.*

*Il-konvenuti qatt ma taw spjegazzjoni valida ghalfejn baqghu ma hallsux almenu l-ammonti li kien hemm qbil dwarhom. Is-socjeta' attrici ghandha dritt ghall-imghaxijiet fuq l-ammonti dovuti lilha ghax-xoghol li hija ghamlet. Dwar xoghol addizjonali u kiri ta' fond alternattiv li l-*

---

60 €14,080.53 + €7,021.43 = €21,101.96.

61 Nota guramentata tal-konvenut a fol 19 et seq (para. 3, 5 u 12) . Dan huwa konfermat minn Joseph Vella ghas-socjeta' attrici fl-affidavit tieghu a fol 80.

62 Fol 28 – Dok IC 2.

63 Fol 29 – Dok IC 3.

64 Fol 34 – Dok IC 6.

65 Fol 35.

66 Fol 51.

67 Fol 52.

*konvenuti jallegaw li saru, fil-kawza ma saret l-ebda rikonvenzjoni u ghaldaqstant m'hemmx konsiderazzjonijiet ulterjuri x'isiru."*

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti konjuġi Cassar, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fl-ismijiet premessi fis-7 ta' Ottubru, 2016, u minflok taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talba attriċi u tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjeta` attriċi Avantgarde Holdings Limited, li permezz tagħha wieġbet fis-sens illi din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-konvenuti appellanti Ivan u Deborah konjuġi Cassar fl-interita` tiegħu u tikkonferma fis-sħiħ is-sentenza appellata.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami, li baqa' differit għas-sentenza.

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

9. Illi dan il-każ jitratta talba da parti tas-soċjeta` attriċi appellata, għall-ħlas tas-somma ta' €15,723.18, rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' merċi mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenuti appellanti, kif ukoll ta'

xogħlijiet eżegwiti fuq inkarigu tagħhom u għall-benefiċċju tagħhom. Din is-somma pretiża hija msejsa fuq fattura annessa u mmarkata bħala Dok. "A", flimkien mar-rikors promotur.

10. Il-konvenuti appellanti laqgħu għall-pretensjonijiet attriċi b'numru ta' eċċezzjonijiet, fosthom li l-attriċi ma tistax tippretendi ħlas ta' xogħol li ma wettqitx, u li huma dejjem kienu ppreparati li jħallsu kull bilanċ li jista' jkun dovut, wara li jsiru l-konteġġi kif suppost u wara li s-soċjeta` attriċi tagħmel ix-xogħlijiet li kien għad jonqos li jsiru u għadhom ma sarux u kwindi jikkontendu li l-kawża saret b'mod intempestiv. Għalhekk jiċħdu t-talba attriċi bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt, peress li l-ammont reklamat mhuwiex kollu dovut u għandu jiġi miċħud.

11. L-ewwel Qorti filwaqt li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, laqgħet it-talbiet attriċi limitatament għall-ammont ta' €11,249.31 u kkundannat lill-konvenuti li jħallsu lis-soċjeta` attriċi dik is-somma, flimkien mal-imgħax skont il-liġi mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Marzu, 2010, sad-data tal-pagament effettiv. B'dan illi l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu in kwantu għal 80% a karigu tal-konvenuti u 20% a karigu tas-soċjeta` attriċi.

12. Il-konvenuti konjuġi Cassar ħassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponew appell minnha, peress li fil-fehma

tagħhom l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-liġi u tal-fatti meta ċaħdet it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet mressqa minnhom meta ingħad minnha li "*ma jirriżultax li s-soċjetà attriċi qegħda tfittixhom għal ħlasijiet ta' xogħlijiet illi ma sarux.*" Il-konvenuti appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti għażlet li temmen lis-soċjeta` attriċi fis-sens li hija wettqet l-appalt ikkuntrattat lilha fl-interezza tiegħu ħlief għax-xogħol relatat mal-*porch* u l-*grouting* li għalih l-ewwel Qorti kkwantifikat *arbitrio boni viri* s-somma ta' €200, kif ukoll emmnet li s-soċjeta` attriċi ma komplietx ix-xogħol għaliex il-konvenuti ma kenux iħallsu fil-pront.

13. Huwa minnu li kif jingħad mis-soċjeta` attriċi appellata, l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti, m'għandux normalment jiġi disturbat minn Qorti tat-tieni grad, ħlief meta l-apprezzament tal-provi jkun sar b'mod manifestament ħażin jew li tkun sodisfatta li tkun ser tiġi kommessa inġustizzja jekk ma tintervjenix. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-18 ta' Lulju, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Therese Pace v. Carmela Borg**, ingħad li:

> "*Din il-Qorti pero' tapprezza wkoll li xorta hu d-dover taghha li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar recenti u kostanti fil-materia.*" *[App. Attard v Direttur tas-Sahha, 31 Mejju 2014, riprodotta b' approvazzjoni fil-kawza App.S Joseph John Parnis vs Mary Parnis, 31 Ottubru 2014].*

Kwindi din il-Qorti għandha s-setgħa li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat u tkun qiegħda tabdika mir-responsabbilita`

tagħha jekk bħala Qorti tat-tieni grad, tonqos milli tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti. Isegwi li huwa meħtieġ li din il-Qorti tidħol fil-qofol tal-mertu tal-aggravju tal-appellanti sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha.

14. Għandu jingħad mal-ewwel li, fil-fehma ta' din il-Qorti għandhom raġun il-konvenuti appellanti għall-inqas parzjalment, dwar dan l-ewwel ilment tagħhom. Dan jingħad peress li għalkemm l-ewwel Qorti qieset ix-xhieda ta' Michael Pace Gasan, inkarigat mill-konvenuti appellanti sabiex iwettaq xogħlijiet fil-proprjeta` tagħha, fil-konsiderazzjonijiet tagħha, meta ingħad minnu li għamel "***<u>borduri mal-bibien kollha tal-faccata nkluzi tal-gallariji, il-blata tal-bieb tal-hanut; ghamilt ukoll xi sollijiet li kienu nieqsin,</u>*** *komplejt il-porch kif ukoll xoghol ta' grouting fuq l-istess porch u kull fejn kien hemm bzonn fuq il-faccata",* din il-Qorti ma taqbilx mal-konsiderazzjoni magħmula mill-ewwel Qorti fis-sens li: "*fil-parti l-kbira tiegħu dan ma jidhirx li kien xogħol li kien miftiehem mas-soċjeta' attriċi."* Dan jingħad riferibilment kemm għall-fattura esebita bħala Dok. IC 5 (a fol. 33) u dik esebita bħala Dok AH02 (a fol. 98), jirriżulta ċar li s-soċjeta` attriċi appellata qiegħda tippretendi ħlas għal "*Cladding of Jambs in 3cm Thick Stone".* Kwindi għalkemm is-soċjeta` attriċi mhix qiegħda tippretendi ħlas għal xogħlijiet li hija m'għamlitx fuq il-*porch,* u apparti t-tnaqqis *arbitrio boni viri* li sar mill-ewwel Qorti ta' €200, rappreżentanti l-*grouting* li kien nieqes li sar minn terzi, huwa x'aktarx ċar li għandu jitnaqqas dan l-*item* mill-kont tas-soċjeta` attriċi. Il-fehma ta' din il-Qorti

hija bbażata wkoll fuq ix-xhieda in kontro-eżami tal-istess Michael Pace Gasan waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju, 2015, meta xehed: *"**Nikkonferma li jiena bħala xogħol fuq il-faċċata għamilt xogħol li kien għadu m'huwiex lest. Mal-bibien tal-gallarijiet jiena għamilt burduri qishom xambrelli.** Dawn tal-irħam. Fir-ritratt li qed jiġi esebit issa minn Dr. De Maria, Dok. JM2, Dan ix-xogħol jidher, qed nimmarkah, qed nimmarka bil-kulur isfar ix-xogħol li għamilt jien."* Minn ħarsa lejn ir-ritratt li għalih saret referenza (esebit a fol. 179) huwa altru milli evidenti li dan ix-xogħol kien parti mill-faċċata li fuqha s-soċjeta` attriċi kellha taħdem (ara wkoll f'dan is-sens il-pjanti ppreparati mis-soċjeta` attriċi, b'mod partikolari "*Detail B*" ta' Dok. AH12 a fol. 113). Ma jirriżultax li l-ewwel Qorti tat piż lil dawn il-provi riżultanti mill-atti.

15. Huwa minnu li s-soċjeta` attriċi kellha tipprovdi materjali bi ħxuna ta' 3cm (ara Dok. IC 5 a fol. 33 u Dok. AH12 a fol.113) u mhux ta' 4 cm (ara Dok. IC 9 a fol. 45) bħal dak li pprovdiet is-soċjeta` Desana, hekk kif rappreżentata minn Michael Pace Gasan. Iżda għal din ir-raġuni, kif ukoll kunsidrat li l-konvenuti appellanti ma ressqu l-ebda kontro-talba, huwa ritenut li għandu jitnaqqas l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi appellata għal dan l-*item* ta' €1,103.15, li flimkien mal-VAT bir-rata ta' 18% ekwivalenti għal €198.57, iwassal għall-ammont ta' €1301.72 (u mhux l-ammont ta' €1950 riżultanti minn Dok. IC 9 l-argument tal-konvenuti appellanti dwar il-fatt li l-ammont huwa wieħed raġonevoli ma jreġix).

Madankollu ma jkunx ġust li l-konvenuti appellanti jħallsu ta' oġġett li la ġie kkonsenjat u lanqas jirriżulta li huwa xogħol imwettaq mis-soċjeta` attriċi appellata. Għalhekk jirriżulta mistħoqq li din il-figura addizzjonali ta' €1,301.72 titnaqqas mill-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi, sabiex l-ammont dovut lis-soċjeta` attriċi jiġi ridott għas-somma ta' €9,947.59.

16. Ma jirriżultax fondat l-argument tal-konvenuti appellanti li s-soċjeta` attriċi m'għamlitx l-opramorta, meta tirreferi għax-xhieda in kontro-eżami tad-direttur tas-soċjeta` attriċi li jingħad jammetti li "*Kull ma kien fadal kienet l-opramorta*." Dan jingħad peress li din ix-xhieda tittieħed barra mill-kuntest li l-istess Joe Vella jkompli jispjega meta ddeċieda li jwaqqaf ix-xogħlijiet minħabba n-nuqqas ta' ħlas, il-ħaddiem stess (Jason Micallef) kien tal-parir li jitlesta x-xogħol li kien fadal sabiex jiżżarma l-armar u dan sabiex titneħħa kull possibilita` ta' perikolu. Relevanti f'dan is-sens ukoll hija x-xhieda (a fol. 74) ta' Jason Micallef (kuntrattur li tqabbad jagħmel dan ix-xogħol mis-soċjeta` attriċi), li proprju jispjega li kull ma kien fadal kien ix-xogħol ta' fuq nett u l-wiċċ tal-opramorta, u minkejja dak li qallu Joseph Vella, għamel xi jumejn jew tlieta oħra sabiex ilesti l-biċċiet li kien baqa' n-naħa ta' fuq u l-opramorta, kif ukoll il-fatt li x-xhud Michael Pace Gasan imressaq mill-istess konvenuti, fl-ebda waqt ma xehed jew indika li huwa kien ħadem fuq l-opramorta u għalhekk dan l-ilment tal-konvenuti appellanti ma jirriżultax bħala wieħed mistħoqq.

17. Lanqas l-ammont ta' €913, rappreżentanti t-tindif tal-faċċata u t-*treatment* tal-faċċata ma jirriżulta bħala wieħed li jistħoqqlu jintlaqa'. Apparti li l-ħtieġa li jsir dan ix-xogħol bħala konsegwenza tan-nuqqas tas-soċjeta` attriċi li twettaq dan ix-xogħol tinsab kontradetta mix-xhieda ta' Jason Micallef (kuntrattur li tqabbad jagħmel dan ix-xogħol mis-soċjeta` attriċi) li xehed li huma għamlu kemm xogħol ta' tindif, kif ukoll applikaw *sealer* fuq il-faċċata, jiġi ribadit li b'referenza għall-istima tal-perit inkarigat mill-konvenuti appellanti - Dok. KG1 (esebit a fol. 65-67 tal-proċess) ma tressqet l-ebda kontro-talba da parti tal-konvenuti appellanti f'dan ir-rigward.

18. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti in kwantu rriteniet li parti mir-raġuni l-għala s-soċjeta` attriċi damet sabiex esegwiet ix-xogħlijiet fuq il-faċċata, kien in-nuqqas tal-atturi li jħallsu b'mod regolari. Dan jingħad peress li għalkemm huwa minnu li x-xogħol fuq il-faċċata tal-konvenuti dam għaddej fuq medda ta' diversi xhur bejn Settembru tas-sena 2008, sa mill-inqas April tas-sena 2009, jirriżulta wkoll li għalkemm il-konvenuti appellanti aċċettaw il-kwotazzjoni riveduta ta' €13,000, il-ħlasijiet li saru fir-rigward tal-faċċata kienu dawk ta':

€1,000 bħala depożitu li sar fil-5 ta' Lulju, 2008;

€ 4,000 pagament li sar fid-9 ta' Settembru, 2008 (wara l-konferma tal-ordni); u

€1,000 pagament akkont li sar fil-15 ta' Jannar, 2009.

Dawn il-figuri jitkellmu waħedhom. Lil hinn mix-xogħol li eventwalment ma twettaqx mis-soċjeta` attriċi, li għalih sar u ser isir it-tnaqqis opportun, dan ifisser li minkejja li sal-aħħar ta' April, 2009, parti kbira mix-xogħol fuq il-faċċata tal-konvenuti appellanti kien lest, dawn lanqas kienu għadhom ħallsu għal 50% tal-materjal fornit u xogħol imwettaq mis-soċjeta` attriċi appellata.

19. Dwar l-ammont ta' €2,860 li l-konvenuti appellanti jikkontendu li ħallsu akkont tal-prezz tal-faċċata, din il-Qorti wara li rat li s-soċjeta` attriċi konsistentement ħarġet irċevuta fiskali għal kull ħlas li sar da parti tal-konvenuti, din il-Qorti hija propensa li taqbel mal-ewwel Qorti li l-irċevuta fiskali datata 25 ta' Mejju, 2009 (esebita bħala Dok. IC 7 a fol. 35 tal-proċess) tabilħaqq hija rappreżentanti l-istess ħlas li sar hekk kif fit-22 ta' April, 2009, saret il-konsenja relatata mal-kmamar tal-banju (ara Dok. IC 14 a fol. 53), fejn hemm indikat bil-kitba li tħallsu flus kontanti fl-ammont ta' €2859.50 (minkejja d-differenza ta' ħamsin ċenteżmu). Din il-kitba titqies bħala prova tal-irċevuta tal-ħlas li sar mal-konsenja, iżda ċertament mhix irċevuta fiskali. Kunsidrat dan kollu, din il-Qorti ma ssib xejn

x'tiċċensura fl-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti f'dan ir-rigward. Hekk ukoll, din il-Qorti taqbel li l-oġġetti forniti mis-soċjeta` attriċi għall-kmamar tal-banju, kellhom jitqiesu separatament, hekk kif dan il-ftehim kien jitratta biss il-fornitura tal-oġġetti tal-kmamar tal-banju, li għalih kien isir il-ħlas mal-konsenja, u li ma kien hemm l-ebda appalt involut f'dan il-każ.

20. Lanqas taqbel din il-Qorti mal-argument imressaq mill-konvenuti appellanti li l-ammont ta' €13,000 indikat fil-fattura esebita bħala Dok. IC 5 jinkludi l-VAT. Dan huwa evidenti minn ħarsa lejn il-fattura esebita a fol. 33, fejn l-element tal-VAT huwa ndikat bħala "0". Dan meta m'hemm l-ebda dubju li l-materjal ordnat mill-konvenuti appellanti kellu jitħallas il-VAT fuqu u dan kif jirriżulta wkoll mill-istima li kienet inħarġet aktar qabel (ara Dok IC1 a fol. 27 tal-proċess) u mid-diversi fatturi li nħarġu sussegwentement. Huwa minnu li f'korrispondenza elettronika, Manuel Camilleri, *Financial Controller* mas-soċjeta` attriċi jagħmel referenza għall-ammont ta' €13,000 b'referenza għall-faċċata, iżda dawn il-kalkoli (li kif ingħad mill-ewwel Qorti mhumiex il-fattura uffiċjali), bl-ebda mod m'għandu jittieħed li kellu jeżenta lill-konvenuti appellanti mill-ħlas tal-VAT. Dan l-ilment tal-konvenuti appellanti jitqies bla bażi u pjuttost fieragħ.

21. Din il-Qorti hija wkoll propensa li taqbel mal-ewwel Qorti li hija inverosimili l-asserzjoni tal-konvenuti li l-prezz taż-żewġ materjali li kienu

interessati fihom, ċioe` *"Royal brown roulato"* u l-"*Lava"* ma kellhom l-ebda differenza fil-prezz, jew li saħansitra l-materjal magħżul minnhom kien ser iservi ta' riklam għas-soċjeta` attriċi, bħallikieku dan kellu jagħmel tajjeb għad-differenza fil-prezz! Dwar din id-differenza fil-materjal, mill-atti jirriżulta li l-konvenuti appellanti kienu qiegħdin jikkunsidraw il-possibiltajiet differenti, kif jirriżulta mill-pjanti esebiti bħala AH09 sa Dok. AH16 (a fol.110 sa 117 tal-proċess). Kif osservat mill-ewwel Qorti, mhuwiex kontestat li l-konvenuti appellanti għażlu l-*Lava* bħala l-prodott finali għal madwar it-twieqi, kif jirriżulta mill-istess rapport tal-perit inkarigat minnhom u mir-ritratt hemm anness. Kwindi tqis verosimili l-verżjoni tas-soċjeta` attriċi li d-dokument AH02, il-fattura datata 9 ta' Settembru, 2008, bil-kitba bl-idejn, tirrifletti l-aħħar deċiżjoni tagħhom. Għalkemm l-konvenuti appellanti jikkontendu li dan id-dokument huma qatt ma kienu rawh u m'għandu l-ebda firma tagħhom fuqu, fil-verita` l-ebda fattura maħruġa mis-soċjeta` attriċi appellata m'għandha l-firma tagħhom fuqha (inkluż il-fattura Dok. IC 5 a fol. 33).

22. Tabilħaqq kif jingħad mis-soċjeta` attriċi appellata, l-appalt mhuwiex wieħed mill-kuntratti li jeħtieġ li jsir bil-miktub *ad validitatem.* Huwa minnu li s-sistema ta' fatturi tas-soċjeta` attriċi ma tistax titqies bħala waħda mill-aħjar, kunsidrat li l-fattura maħruġa fid-9 ta' Settembru, 2008 (Dok. AH02) hija enumerata 40, u dik maħruġa ġimgħa wara fis-16 ta' Settembru, 2008 (Dok. IC5) hija enumerata bin-numru 35 u daqqa l-

fattura tinkludi l-VAT u oħra le, iżda m'hemm l-ebda dubju li dik il-fattura tas-16 ta' Settembru, 2008, tirreferi għal *Royal Brown Roulato* u mhux il-*Lava.* Madankollu, huwa ritenut li fl-aħħar mill-aħħar, l-konvenuti appellanti huma tenuti jħallsu għal dak li ħadu benefiċċju minnu, f'dan il-każ il-materjal tal-*Lava* u għalhekk huma tenuti jagħmlu tajjeb għad-differenza fil-prezz, rappreżentanti l-materjal li ġie effettivament ikkonsenjat u mwaħħal fil-post tagħhom.

23. In kwantu għall-kmamar tal-banju, minn eżami tad-*delivery note* esebita bħala Dok. IC 14 (a fol. 53 tal-proċess) mhux kontestat li għalkemm saret il-konsenja ta' numru ta' oġġetti b'valur totali ta' €3,100.00, ġew ritornati numru ta' affarijiet b'valur ta' €240.50, sabiex il-konvenuti appellanti mal-konsenja ħallsu s-somma ta' €2,859.50. Dawn l-affarijiet mhumiex inklużi fil-fattura esebita bħala Dok. "A" flimkien mar-rikors promotur. Hekk ukoll, il-konvenuti appellanti *ex admissis* jikkonċedu li l-affarijiet li ġew ritornati minnhom peress li rriżultaw xi difetti, mhumiex inklużi fil-fattura esebita bħala Dok. "A" flimkien mar-rikors promotur. Kunsidrat li l-ewwel Qorti naqqset mill-kont tas-soċjeta` attriċi s-somma ta' €1,769.83 rappreżentanti l-prezz tal-*basin* (*Item Code BA1016*), kif ukoll l-iskont ta' 50% fuq il-*bathroom sink in beige travertine (Item Code OV6038)* hekk kif imwiegħed mis-soċjeta` attriċi appellata bħala skont favur il-konvenuti appellanti, din il-Qorti taqbel ma' dik ta' qabilha fir-rigward tal-komputazzjoni tal-ammont dovut mill-konvenuti

appellanti fir-rigward tal-kmamar tal-banju. Dan japplika wkoll fir-rigward tal-VAT li għad irid jitħallas mill-konvenuti appellanti fir-rigward tal-kmamar tal-banju. Għall-istess raġunijiet imfissra qabel f'paragrafu 20, mill-istima maħruġa mis-soċjeta` attriċi appellata għall-madum (ara Dok. AH 05 u AH 06 a fol. 101 u 102 tal-proċess) u mill-ordnijiet għall-kmamar tal-banju (ara Dok. AH03 u Dok. AH04 a fol. 99 u 100 tal-proċess) kien altru milli evidenti li kellu jitħallas il-VAT fuqhom. Kwindi għalkemm mal-konsenja l-konvenuti appellanti wettqu l-ħlas, li ġab l-estinzjoni tal-obbligazzjoni fil-konfront tas-soċjeta` attriċi, dan ma jeħlisx lill-konvenuti appellanti milli jħallsu l-VAT fuq l-oġġetti mixtrija minnhom, li fl-aħħar mill-aħħar huwa dovut lill-erarju pubbliku fuq l-oġġetti mixtrija minnhom. Isegwi li din il-parti tal-aggravju tal-konvenuti appellanti ma treġix u ser tiġi miċħuda.

24. L-aħħar ilment tal-konvenuti appellanti jitratta l-komputazzjoni tal-imgħax, in kwantu jikkontendu li l-ammont pretiż mis-soċjeta` attriċi la kien ammont likwidat u lanqas ammont faċilment likwidabbli. Kwindi fejn l-ammont likwidat ikun ferm inqas mill-ammont oriġinarjament mitlub fir-rikors promotur, jsostnu li l-imgħax kellu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

25. L-ewwel Qorti akkordat l-imgħax legali b'effett mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Marzu, 2010, sad-data tal-pagament effettiv.

Relevanti għall-materja in eżami huma l-Artikoli 1139 u 1141 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta). L-Artikolu 1139 jipprovdi li:

> "*Bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjeta`, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħatha meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena*."

Dan il-provvediment tal-liġi jirrifletti l-massima Rumana *"in illiquidis non fit mora."* Huwa minnu li dan il-prinċipju mhuwiex wieħed assolut. Meta l-provvediment tal-liġi jitkellem dwar "obbligazzjoni" il-leġislatur ried li l-kontestazzjoni tkun waħda limitata għal somma rappreżentanti kreditu sempliċi. Għalhekk inħolqu l-eċċezzjonijiet għar-regola *in illiquidis,* sabiex il-kreditur ma jiġix ippenalizzat minħabba dewmien ta' proċeduri ġudizzjarji, speċjalment meta l-ammont seta' jiġi faċilment determinat fi stadju bikri tal-proċeduri. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Mejju, 2011, fil-kawża fl-ismijiet **Perit John M. Gambina v. Fithome Limited**). Il-massima ma tapplikax meta d-debitur ikun jaf sew x'inhu l-ammont dovut jew meta d-debitu jkun wieħed ta' faċli likwidazzjoni, jew fejn il-kontestazzjoni tkun saħansitra waħda frivola.

26. L-Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili jkompli hekk:

> *"(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso iure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni."*

Is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tal-imgħax mit-8 ta' Marzu, 2010, data tal-ittra uffiċjali. Fil-każ in eżami, huwa minnu li s-soċjeta` attriċi appellata nterpellat lill-konvenuti għall-ħlas tas-somma ta' €15,924.90 fit-8 ta' Marzu, 2010. Iżda permezz tal-kawża ntavolata fil-31 ta' Ottubru, 2013, dan l-ammont ġie rivedut għal €15,723.18 u permezz tas-sentenza appellata dan l-ammont ġie ridott b'madwar 30%, li dan l-ammont ma jirriżultax li huwa wieħed minimu, u ġie hekk ridott wara proċess elaborat ta' likwidazzjoni, kif tixhed is-sentenza appellata.

27. Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-18 ta' Frar, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Mariella Vidal v. Micaela Cassar:**

**"***Il-fatt waħdu li l-kreditur jippretendi somma fissa ma jfissirx li l-ammont ikun determinat. Iċ-ċertezza għandha tirriżulta minn dak oġġettivament dovut lilu. L-ebda mgħax ma jkun dovut fejn il-Qorti takkorda ammont inqas fejn kien diffiċli jekk mhux impossibbli għad-debitur li jkun jaf x'inhu dovut mingħajr ma ssir investigazzjoni ġudizzjarja fil-kawża u sakemm dan isir[68]. L-imgħax jibda għaddej meta l-ammont seta jiġi faċilment determinat fi stadju bikri tal-proċeduri[69] jew meta jiġi likwidat mill-qorti ta' Prim'Istanza[70];"*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, huwa ritenut validu l-punt magħmul mill-konvenuti appellanti, li sa fejn l-ammont dovut lis-soċjeta`

---

[68] William Sare v Carmel Sammut 29.05.1998 Qorti tal-Appell; Anthony Buhagiar v Edward Scerri 30.03.2001 Qorti tal-Appell
[69] Perit John Gambina v Fithome Ltd 06.05.2011 Qorti tal-Appell
[70] Anthony Turner v Francis Agius 28.11.2003; Pacifiko Bezzina v Victor Buttigieg 05.04.2013 Qorti tal-Appell

attriċi appellata huwa ferm inqas minn dak pretiż minnha fir-rikors promotur, allura fil-każ tat-talbiet attriċi partikolari għandu japplika l-prinċipju ta' *in liquidandis non fit mora.* B'dan illi, tqis xieraq li l-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza tal-ewwel Qorti. (Ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Lulju, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Mifsud et v. Raymond Camilleri et**).

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddeċiedi illi tilqa' f'parti l-appell imressaq mill-konvenuti appellanti u għalhekk tvarja s-sentenza appellata tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Ottubru, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi filwaqt li tilqa' t-talbiet attriċi limitatament fl-ammont ta' disat elef, disa' mija u sebgħa u erbgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€9,947.59); tikkundanna lill-konvenuti konjuġi Cassar iħallsu s-somma ta' disat elef, disa' mija u sebgħa u erbgħin Ewro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€9,947.59); tordna wkoll li l-imgħax legali fuq is-somma hawn imsemmija, għandu jibda għaddej mid-data li ngħatat s-sentenza appellata, sal-jum tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jinqasmu in kwantu għas-sehem ta' żewġ terzi ($^{2}/_{3}$) jitħallsu mill-konvenuti appellanti u s-sehem ta' terz ($^{1}/_{3}$) jitħallas mis-soċjeta` attriċi appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da